# 126. Karmena

“Karmena x’għandek f’xagħarek
u fuq ix-xfar t’għajnejk?
kif huma t-tnejn imxarrba,
u l-warda ta’ ħaddejk?”

“Xejn m’g]andi, Ma, mort nimla
ma’ Betti fuq il-bir,
u kif għamilt fuq rasi
mimli sa fuq iż-żir,

“Ġie tifel jiġri, u jiena
mejjilt rasi, u mix-xfar
taż-żir waqgħet belgħa ilma
xarbitli ftit ix-xagħar.”

“Għajnejk, għidli Karmena,
biex huma ħomor nar?
Naħseb li mhux b’dak l-ilma
li waqa’ fuq ix-xagħar!”

Karmena nfexxet tibki,
u stqarret li bid-dmugħ
għajnejha kienu ħomor,
għaliex ħabbet żagħżugħ

Li dik il-lejla siefer,
u bkew it-tnejn flimkien,
għajnejhom b’dak il-biki
saru ħomor nirien,

U d-dmugħ li ċarċar Toni
xarbilha x-xagħar t’għajnejha,
u x-xuxa ta’ fuq rasha,
u l-warda ta’ ħaddejha.

“’Mma Toni għalkemm siefer
jerġa’ jiġi mill-ġdid,
għaliex ġewwa l-Awstralja
miegħu jeħodni jrid.”

“Tridx tmur għaliex ser noqtlok!”
qaltilha omma Mari’;
’mma f’qalbha fil-jiem ftakret
ta’ meta ħabbet hi.